## Ġużè Muscat Azzopardi – Missier il-Letteratura Maltija

Ġużè Muscat Azzopardi twieled Ħal Qormi fl-1 ta' Settembru 1853. Hu studja fis-Seminarju tal-Imdina u fl-Università ta' Malta fejn ħa d-diploma ta' prokuratur legali fl-1875. Huwa żżewweġ lil Tonina Fenech u kellu tlett itfal, Ivo, Ġino u Anton. L-ewwel tnejn, Ivo u Ġino, komplew fuq il-passi ta' missierhom u ppubblikaw għadd ta' kotba u rumanzi. Ġużè Muscat Azzopardi miet fl-4 t'Awwissu 1927 fil-belt Valletta.

Ġużè Muscat Azzopardi kien kelliem kapaċi, politiku popolari, ġurnalist u parteċipant attiv fl-ambjent soċjo-kulturali. Filwaqt li kien avukat ta' suċċess, huwa laħaq President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali. Huwa kien ukoll membru tal-*Giunta Teatrale* tal-Gvern fejn b'ħeġġa kbira kien jippromwovi d-drama Maltija. Kien l-editur ta' diversi fuljetti u pubblikazzjonijiet li kienu joħorġu b'mod regolari, fosthom *In-Naħla Maltija* (1878) u *Il-Ħabib* (1911). Dan barra li kien kittieb regolari f'pubblikazzjonijiet oħra bħal *Id-Dawl* (1892) u *Il-Ħabbar Malti*.

Ġużè Muscat Azzopardi kien membru fil-Kunsill tal-Gvern, organu ewlieni fit-tmexxija politika ta' żmienu. Flimkien u bl-għajnuna ta' kittieba oħra, waqqaf l-Għaqda Kittieba tal-Malti (li llum hija magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti). Fl-1920 ġie elett bħala l-ewwel president tagħha, kariga li żamm sa mewtu. Fl-1924 sar l-ewwel editur ta' *Il-Malti*, il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-għaqda u li għadha toħroġ sal-lum mill-Akkademja tal-Malti. Għal xi żmien kien eżaminatur tat-Taljan fl-Università ta' Malta u fis-Seminarju.

Għall-kitbiet u attivitajiet reliġjużi tiegħu, ġie onorat darbtejn mill-Papa Piju X, l-ewwel bil-*Pro Ecclesia et Pontefice* u mbagħad bil-medalja *Bene Merenti*.

Fid-dawl tal-bosta kontribuzzjonijiet tiegħu fil-proża u l-poeżija bil-Malti, Franġisk Saverju Caruana, kollega u kittieb ieħor tal-Malti, sejjaħlu 'Missier il-lettaratura Maltija', isem li jixraqlu tassew minħabba l-għadd kbir ta' rumanzi, poeżiji, reċti, bijografiji u traduzzjonijiet li kiteb. L-ewwel kitba tal-proża tiegħu kienet *Il-Ħajja ta' San Ġorġ* (1874), li kienet traduzzjoni mit-Taljan.

Ġużè Muscat Azzopardi kien involut b'mod attiv fil-ħajja soċjo-kulturali, tant li fl-1875, fl-età żagħżugħa ta' 22 sena, insibuh imniżżel bħala Segretarju tas-

Soċjeta Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi. Ħames snin wara, fl-1880, huwa kiteb il-versi tal-ewwel innu f'ġieħ San Ġorġ, il-Qaddis Patrun tar-Raħal. Huwa kien ukoll President tal-istess Soċjetà mill-1906 sa l-1917.

Muscat Azzopardi jibqa' magħruf ħafna bħala rumanzier. Huwa ppubblika għadd kbir ta' rumanzi storiċi, jiġifieri stejjer li jseħħu fi sfond u żmien storiku partikulari tal-istorja ta' pajjiżna. Fost l-aktar magħrufa nsibu r-rumanzi *Toni Bajjada* (1878), *Mattew Callus* (1878), *Vicu Mason* (1881), *Susanna* (1883), *Ċejlu Tonna* (1886), *Ċensu Barbara* (1893) u *Nazju Ellul* (1909). F'dawn ir-rumanzi l-imgħoddi storiku Malti jiġi muri b'mod li l-qarrej jieħu gost jitgħallem u japprezza dak li missirijietna għaddew minnu f'epoki differenti. B'dan il-mod romantiku l-istorja ssir indikazzjoni tal-ġejjieni u r-rumanzier iħallat valuri nazzjonalistiċi mal-istorja vvintata. Muscat Azzopardi jirnexxilu b'mod tajjeb jgħaqqad l-istorja ta' pajjiżna (li teħtieġ tiftix u riċerka fid-dettall u mhux dejjem tappella għall-gosti tal-qarrej komuni) mal-istħajjil u l-immaġinazzjoni (li jogħġbu bil-bosta u jinżlu għasel mal-qarrejja ta' kull żmien). B'dan il-mod Muscat Azzopardi fittex li bir-rumanzi storiċi tiegħu jgħallem u fl-istess ħin jiddeverti lill-qarrejja Maltin li ftit li xejn kienu jsibu rumanzi lokali ta' din ix-xejra. Hu jimla l-proża tiegħu bl-istorja u n-narrazzjoni diretta hekk li l-istejjer tiegħu huma bbażati fuq azzjoni, deskrizzjoni, eżortazzjoni u istruzzjoni espliċita. B'hekk il-qarrejja jifhmu u jempatizzaw mal-karattri skont dak li jagħmlu jew jiġrilhom fil-ġrajja tar-rumanz.

Ġużè Muscat Azzopardi kien ukoll poeta mirqum li esperimenta fil-flessibilità tal-Malti bħala mezz ta' espressjoni poetika. Ħafna mill-poeżiji tiegħu jinstabu f'*Ġabra ta' Poeżiji bit-Taljan u bil-Malti* (1876), *Ħamsin poeżija bil-Malti* (1890) u *Ġabra sħiħa ta' Sunetti bi Studju fuqhom tal-Kittieb Innifsu* (1956). Il-poeżija tiegħu ħadet ħafna elementi validi mill-ambjent ta' madwaru u l-interpretazzjoni soċjali li ppreżentat kienet t'ispirazzjoni għal poeti oħrajn. Minħabba s-sens estetiku tiegħu qatt ma nesa l-missjoni tiegħu ta' edukatur letterarju u anke l-poeżija tiegħu ħafna drabi hija didattika u maħsuba biex tgħallem lill-kotra.

Ġużè Muscat Azzopardi, flimkien ma' kittieba oħra bħal Ludovik Mifsud Tommasi, Richard Taylor, Anton Muscat Fenech, Dwardu Cachia u Manwel Dimech, wirtu l-wirt poetiku ta' Ġan Anton Vassallo li sejjes il-poeżija tiegħu

fuq tliet taqsimiet prinċipali: dik sentimentali, dik satirika u dik nazzjonalistika. Huma ssoktaw jorqmu u jfettħu l-orjentament demokratiku tal-poeżija, jiġifieri ħadmu biex taw poeżija li tolqot lill-poplu kollu (u mhux lil dawk tal-iskola biss) u li jifhimha kulħadd. Dan għamluh billi wessgħu l-medda tal-ispirazzjoni tagħhom u kitbu fuq bosta ħwejjeġ qrib u għal qalb il-poplu, billi fehmu aħjar l-istrutturi soċjali u l-mudelli kulturali filwaqt li komplew itejbu l-kitba letterarja tagħhom, dejjem fid-dawl tal-forom tat-taħdit popolari.

Ġużè Muscat Azzopardi għamel ukoll xi traduzzjonijiet għall-Malti mit-Taljan u l-Latin. Fost dawn insibu *Il-Ħalliel it-Tajjeb* (1901), *Il-Quddiesa* (1902) u *Storja ta' Malta* (1903) mit-Taljan u *Il-Għasar tal-Madonna* (1878), *Il-Missal* (1918), l-erba' Vanġeli skont *San Mattew* (1895), *San Mark* (1915), *San Luqa* (1916), *San Ġwann* (1917), u *Il-Ktieb tal-Appostli ta' San Luqa* (1924) mil-Latin. Muscat Azzopardi kiteb bosta reċti, xi wħud minnhom huma oriġinali filwaqt li oħrajn huma maqluba mit-Taljan.

Jixraq li issa nisimgħu silta minn storja popolari tiegħu meħuda mill-ktieb *Toni Bajada u rakkonti oħra*. Dan ir-rakkont jitkellem fuq il-qlubija tal-eroj Malti Toni Bajada fi żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565. Fis-silta li se nisimgħu għandna lil Toni li qed iħejji għaż-żwieġ tiegħu ma' Rożi. Imma jiġri li tasallu aħbar kerha u jisfratta kollox. Nisimgħuha flimkien.

Qari – ***Toni Bajada u rakkonti oħra***